Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 61**
**it-Tlieta 16 ta'Jannar 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Charles Selvaggi :  Kunsillier
Romina Galea :  Viċi Sindku  (harget 19:00)
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Maurice Agius :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

61.1.01 Kulħadd kien preżenti

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

61.2.01 Il-minuti tas-seduta L8-59 u L8-60 ġew approvati unanimament.

**61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

61.3.01 B'referenza għal minuti u l-laqgħa pubblika li kienet saret dwar il-proġett Msida Creek, is-sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa f'rigward l-impenn ta' IM lejn il-benesseri tal-komunità matul il-fażi ta' implimentazzjoni. Għal dan il-għan is-Segretarju Eżekuttiv qed jipprepara draft għal sejħa ta' tender sabiex ikun hemm persuna responsabbli għall-bini ta' relazzjonijiet, involviment u kultivazzjoni bejn l-organizzazzjoni tal-proġett, il-Kunsill Lokali ta' L-Imsida u l-komunità li jirrappreżenta flimkien oħrajn konċernati. Hawn spjegat li dan se jkun ffinanzjat minn fondi tal-IM u amministrat mill- Kunsill Lokali

61.3.02 B'referenza għal minuti 57.3.02, Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq rikors bil-Qorti li għaddej fil mument dwar it-talbiet għal-danni minn żewġt inċidenti separati fejn poġġiet fuq il-mejda u għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-persuna waqt is-smiegħ preżentat l-affidavit tagħha.
Is-segretarju Eżekuttiv spjega li dan huwa parti mill-proċess u l-kontenut għadu taħt ġudizzju għalhekk dan qed jgħarraf bih sabiex il-kunsill jkun infurmat biss. Meta jkun il-mument l-avukat jkun jista' jmexxi b'risposti xierqa għal kull m'hemm.

61.3.03 B'referenza għal minuti 59.5.09, f'rigward ta' passi legali mis-sid li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-kunsill u l-penali imposta minħabba li żamm id-dgħajsa tiegħu li għal bosta ġimgħat fuq l-iskall aktar milli kien permess, is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kommunikazzjoni minn għand l-ombudsman sabiex il-kunsill jippreżenta risposta għat- talba ta' dan is-sid.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għada din il-kommunikazzjoni għand l-avukat tal-kunsill sabiex tingħata twegiba xierqa.

**61.4 Tweġibiet għall-Mistosijiet tal-Kunsillieri;**

61.4.01 B'referenza għal-minuti 59.4.02, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar Infrastructure Malta bdiet l-aħħar fażi ta' xogħol go Triq Xatt Ta 'Xbiex.

61.4.02 B'referenza għal-minuti 59.4.06, dwar id-dawl tal-Milied , is-sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li kien hemm ħafna kummenti pożittivi.

61.4.03 B'referenza għal minuti 59.4.09, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kuntrattur ta' IM għamel il- pedestrian crossing go Triq Clarence k/m Triq il-Baċir.

61.4.04 B'referenza għal minuti 59.4.12, is-sur Maurice Agius staqsa dwar loading / unloading bay komunali go Misraħ il-Barrieri.
Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan se jsir parking bay.

61.4.05 B'referenza għal minuti 59.5.02, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali L-Imsida ffirma u ġie dikjarat uffiċjalment li ta appoġġ sabiex in-naħal Maltija tiġi meqjusa bħala nsett Nazzjonali.

Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet rigward proġett li l-Kunsill Reġjonali Lvant qed jaħdem fuqu, bit-titlu ta' Bee Signs, li jinkludi l-installazzjoni ta' tabelli kull fejn il-ħaxix selvaġġ huwa prominenti madwar il-lokalità biex jeduka lill-pubbliku dwar l-importanza li jinżammu żoni bil-ħaxix selvaġġ (dejjem jekk ma jkunx ta' periklu), peress li dawn iħeġġu lill-insetti jdakkru l-madwar.

61.4.06 B'referenza għal minuti 59.5.05, Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera prezenti li gie ordnat u saru is-surveys ta' taraġ bejn L-Imsida u Santa Venera minn Triq il-Wied u ghal Triq is-Swatar ma' central strip faċċata tal-bring in site. Dawn inkluż dak ta' Ċirku tal-Imsida se jintbagħatu flimkien mal-pjanti ta'siti sabiex ikun kunsidrati għal l-installazzjoni ta' numru ta' lampi solari.

61.4.07 B'referenza għal minuti 59.5.10, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saru id-dog bins mitluba ħdejn Triq il-Wied tal-Imsida u Triq il-Karozzin.

61.4.08 B'referenza għal minuti 59.5.11, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perit tal-kunsill ppreżenta l-oġġezzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali L-Imsida mal-P.A għal applikazzjoni tal-kontroll tal-ippjanar numru PC 0013/17. Saret ukoll komunikazzjoni bil- petizzjoni anness li residenti tas- Swatar konċernati f'zona li qed jiffirmaw u jibgħatu kopja l-uffiċju amministrattiv sabiex tiġi wkoll preżentata lill P.A.

Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-konkorrenza tajba li kien hemm mir-residenti biex tiġi iffirmata l-petizzjoni.

61.4.09 B'referenza għal minuti 59.5.13 dwar it-tiġdid tal-ftehim ma' kumpanija kummerċjali biex tipprovdi servizz għal manutenzjoni ta' Laptop jew PC b'xejn għar-residenti tal-lokal, is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma' rappreżentant dwar in-nuqqas msemmi. B'hekk ġie miftiehem li servizz jingħata mal-preżentazzjoni ta' ID Card u l-firma tar-resident li huwa mgħarraf li l-kumpanija se tipprovdi lill-kunsill lokali l-Imsida bid-dettalji ta' kull resident. Dawn għandhom ikunu mgħoddija kull sitt xhur.

61.4.10 B'referenza għal minuti 60.4.03, Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-BIS go Triq Victor Denaro biex tiġi żarmata u ssuġġerixxa li din tiġi tkun proposta bħala underground u mdaħla bħala parti mill-proġett.

61.4.11 B'referenza għal minuti 60.4.05, dwar isem għal parti minn go Triq Misraħ il-Barrieri fejn ir-roundabout sa' Triq il-Franġiskani, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-ewwel isem propost ta' Francesco Tabone mhux probabbli li jkun kunsidrat filwaqt li għad trid tara dwar dak tas- Sur Emanuel Abela.

61.4.12 B'referenza għal minuti 60.4.08 dwar il-bankini fi Triq Clarence, is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li flimkien mas-sur Emanuel Brincat mar fuq is-siti tal-iżvilupp msemmija (Dar tal-anzjani PA/8360/21) u (Lukanda- 7039/21) fejn kien hemm osservat li m'hemmx il-bankina temporanja mitluba mill- awtorità. Għalhekk sar kuntatt mas-site manager ta' l-ewwel li se jieħu ħsieb filwaqt li se jingħadda rapport dwar it-tieni sit mal-BCA.

61.4.13 B'referenza għal minuti 60.4.09, Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti dwar komunikazzjoni mill-perit tal-IM u l-perit ta'sidien privat li qed ssiru il-preparamenti biex ssir demolizzjoni tal- l-istruttura kundannata b'dettalji ta' kif se jaħdmu u sabiex ftit qabel ma jibda ix-xogħol ssir koordinazzjoni minħabba li jrid jintefa s-servizz tad-dawl tat- triq.

61.4.14 B'referenza għal minuti 60.4.11, dwar periklu go Triq Ġemma Portelli minħabba parkeġġ bl-addoċċ , Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li flimkien mas-sur Emanuel Brincat mar fuq u raw x'hemm bżonn ssir fosthom sinjali sofor doppji jew għal parkeġġ fejn permess, tabelli u xi bollards .

61.4.15 B'referenza għal minuti 60.4.13 dwar it-tieni fażi tal- afforestazzjoni, Is-sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera li Project Green tkellmu mas-Sindku rigward il-pjanta , l-estimi flimkien ma' dak li jista' ssir fosthom li qabel kollox għandu jkun hemm konsultazzjoni ma' CRPD.

**61.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

61.5.01 B'referenza għal minuti 60.3.04, dwar xelter tat-tieni Gwerra li jinsab fiż-żona ta' Triq il-Kunċizzjoni c/w Triq il-Wied, maġenb il-ġibjun tal-ilma. Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill kunsilliera preżenti li saret komunikazzjoni mal-Heritage Malta u l-dipartiment għat-tindif sabiex ssir x' ħaġa f'rigward li jitnaddaf u jigi s-siġillat.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima ta' €700 li ntalbet biex ssir kanċell tal-ħadid adattat u spjegat f'hiex jikkonsisti ix-xogħol li jinkludi travettt minħabba li fil-biċċa ta' fuq l-intrata tax- xelter għad hemm il-bricks li ma jaqbilx li jinqalghu. Għalhekk minħabba sigurtà għas- saħħa ta' min ikun qed jaħdem, hemm bżonn li l-ewwel ssir dan ħa jieħu il-piż fuqu b'hekk isservi t'appoġġ u l-frame tal-grada jiġi taħtu kif indikat u jkun marbut bil-bolt (stainless steel).

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

61.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni b'talba sabiex ikun hemm ħinijiet ġodda għal ftuh tal-librerija nhar it-Tnejn 12 ta' Frar 2024 kif ġej. L-Erbgħa bejn 8.30 a.m. sa 12.30 p.m., il-Ġimgħa bejn il-5.00 p.m. sa 7.00 p.m. u s-Sibt bejn it-8.30 a.m. sa 12.30 p.m.

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament u s-egretarju Eżekuttiv ħa nota biex ssir tabella ġdida bil-ħin tal-ftuħ diskuss.

61.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja tal-allokazzjoni finanzjarja diretta skont l-artiklu 55 tal-Att, għal Kunsill Lokali L-Imsida għas-sena 2024 hekk kif ġej 1. Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna (€23,059) , Fond għal-latrini Pubbliċi (€3,825). 2. Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq: Urbani, sinjali u marki tat-traffiku (€88,590), Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku (€2,403), Knis ta' Toroq Urbani (€63,851), Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (€1,068). 3. Ġbir ta' Skart u Bins on Wheels (€226,443), Waste Tipping Fees (€142,537). 4. Spejjeż ta' Amministrazzjoni (€253,454).

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-estimi finanzjarji għas-sena 2024 bi spjega dwar kalkoli meħuda mill-ammont allokat b' total ta' €805,230 li flimkien ma' dħul ieħor jrid jagħmel tajjeb għal-ispejjeż. Dan jinkludi tmexxija amministrattiva normali ta' kuljum u s-servizzi b'Kuntratt provduti bħall-ġbir ta' skart goff, manutenzjoni tad-dawl fit-toroq, parks u ġonna jew kuntratti oħra. Fakkar li matul l-2023 beda kuntratt ġdid għat-tindif tat-toroq bi spiża kuntrattwali ta' aktar mid- doppju tal-allokazzjoni relatata. Barra minn hekk, trid tkompli l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma ppreżentat matul l-2019 li jinkludi diversi inizjattivi jew miżuri parzjalment iffinanzjati minn fondi addizzjonali minn skemi u / jew minn fondi tal-Kunsilli Lokali.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u għamlu mistoqsijiet li għalihom is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb bi spjega jew dettalji dwar diversi items fil-estimi. Saret ukoll referenza għar-rapport Rapport Finanzjarju Trimestri għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Settembru 2023 (minuti 58.5.20 ) b'enfasi għal infiq aktar mid-dħul li qed jnaqqar il-cashflow li sfat tiddependi mil-bilanċ ta' riservi b'hekk kif previst, ir-rapport tal-aħħar kwart għalkemm għadu mhux konkluż ġa qed jindika li l-perċentaġġ għoli ta'ħruġ se jġib fix-xejn ir-riservi. Għalhekk l-estimi mhux qed jipprovdu għal aktar mil-operat normali indikat fl-allokazzjoni jew għal affarijiet li għalihom ġa hemm fondi approvati, dejjem sakemm ma jkunx hemm fondi addizzjonali għal affarijiet speċifiċi li s-sehem tal-kunsill ikun jiflaħ għalihom.

Tkompliet id-diskussjoni bl-estimi jiġu approvati unanimament.

61.5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-struttura tal-bandli go tas-Swatar għanda il-biċċa ta' fuq (l-mimduda) li nqatgħet bis-sadid u minkejja li sar xogħol ta' welding fuqha biex tissewwa xorta ma'servietx b'hekk fil-mument din tinsab issiġillata biex ma tkunx ta' periklu. Hawn poġġa fuq il-mejda stima ta €2717.86 inkluż l-VAT sabiex tinbidel l-struttura.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

61.5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti dwar ħaddiem assenjat li kien hemm kwistjoni miegħu u nzamm mal-kunsill għal ftit ta' żmien ieħor sakemm joħroġ bil-pensjoni. Iżda wara li dan suppost spiċċa fl-aħħar tas-sena kien jirriżulta li dan ma' setgħax jieqaf u dipartiment tiegħu staqsa jekk jistax ikompli mal-kunsill jew jinstab post ieħor għalih. Hawn spjega li meta seħħ il-każ kien hemm min wera li ma' kienx favur id-deċiżjoni li jinżamm sa Diċembru għalhekk qed jistaqsi lill kunsill x' jaħseb f'rigward.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li għandu jkun assenjat x'imkien ieħor.

61.5.06 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar ilmenti fuq Triq Esperanto minħabba li din hija dejqa wisq bil-parkeġġ fuq iż-żewġt naħat. Dan qed iwassal għal problemi meta vetturi jkunu fuq direzzjoni opposta b'hekk qed jeħel kollox għax ma hemmx fejn wieħed jimmanuvra apparti li ma tantx ssib min iċedi. Hawn għamlet referenza għal minuti 26.5.08 fejn spjegat li din it-triq b'konsultazzjoni ma TM kienet ġa hekk minħabba xogħol ta' żvilupp b'tower crane għalhekk qed tipproponi li ssir konsultazjoni mal-Universita sabiex ikun konfermat bil-miktub li l-kanċell jibqa' miftuħ u terga ssir One Way.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li Triq Esperanto ssir one way kif propost.

61.5.07 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ir-rapport u rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv għal- Performance Bonus tal-impjegati amministrattivi għas-sena 2023 biex ikunu kunsidrati u approvati.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew il-Performance Bonus tal-ħames impjegati amministrattivi u approvaw unanimament li jingħata il-massimu ta' 6%.

61.5.08 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda rakkomandazzjoni u pproponiet 10% għal- Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-Performance Bonus massimu ta'10% u rakkomandazzjoni lid-direttur Ġenerali biex japprova il-5% tad-Dipartiment.

61.5.09 B'referenza għal minuti 59.5.09 dwar il-Bye Law tal-Iskal is-sindku poġġiet fuq il-mejda id-draft bl-aħħar emendi proposta waqt il-laqgħa online mal-avukat.
Is-segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li dar kull artiklu bl-emendi fejn għad fadal li tittieħed deċiżjoni dwar id-daqs massimu ta' dgħajsa li fil- mument huwa ta'12 il-metru. Talab ukoll lill kunsilliera preżenti biex jikkunsidraw li tiżdied klawsola b'definizzjoni ta' żmien meta jista' jinħareġ permess għal dgħajsa li sid ikun ġa ibbenefika mill- użu tal-iskall. Hawn spjega ir-raġuni għal din minħabba li kien hemm aktar minn persuna li neħħa id-dgħajsa minn fuq l-iskall għax skada l-permess , tefa temporanjament go post ieħor u mbagħad jerga jitlob mal-ewwel permess għal 28 ġurnata oħra b'iskuża t'emerġenza bħal ma' gara fil-każ msemmi ġol -minuti 61.3.03.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jrid jgħaddi perjodu ta' tlett xhur qabel ma jiġi kunsidrat li joħroġ permess għal l-istess dgħajsa sakemm dan ma jkunx każ ġenwin ta' emerġenza li jista' jagħmel użu sa massimu ta' 72 siegħa biss biex jitranġa li hemm bżonn jew jeħodha go post ieħor. Ġie deċiż ukoll li daqs massimu jibqa' ta'12 il-metru filwaqt li mhux permess għal dgħajsa il'fuq mid-daqs stabbilit li toqgħod fuq l-iskall anke jekk b'emerġenza li f'dak il-każ trid tittieħed mal-ewwel go post ieħor.

61.5.10 B'referenza għal minuti 55.4.05, Is-sur Maurice Agius tkellem dwar il-bollards li għad jridu jinbidlu f' Triq Mons D'Andria k/m Triq D'Argens
Is-segretarju Eżekuttiv ħa' nota u wieġeb li l-bollards li kien hemm go Misraħ San Guzepp huma għand il-kuntrattur iżda biex jeħlu hemm bżonn li jsir xi tip ta' chanel tal-ħadid go l'art li sa fejn huwa nfurmat kien kellem ħaddied.

61.5.11 Is-sur Maurice Agius tkellem dwar xogħol ta'tarmak li sar go Triq John Borg fejn saru il-marki tat-traffiku iżda ma'sarux il-marki fil-parti l-wiesgħa ma'Triq Misraħ il-Barrieri.

Is-segretarju Eżekuttiv ħa' nota u wieġeb li kien ġa qed jipprova jagħmel kuntatt mal-perit inkarigat tal-IM.

61.5.12 Is-sur Maurice Agius għamel referenza għal minuti 54.4.06 staqsa jekk kienx hemm xi risposta mingħand l-iżviluppatur dwar l- istimi għal ħsarat minħabba xogħol żvilupp li sar go Triq u Sqaq J. Catania u r-railing go Triq <Xatt L-Imsida>. Mibdula<Xatt L-Imsida)

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma kien hemm l-ebda tweġiba u se jara x'jista' jagħmel aktar.

61.5.13 Is-sur Maurice Agius tkellem dwar parkeġġ għad diżabilità go Triq il-Kunċizzjoni li ġie approvat min TM f'Ottubru iżda għadu ma' sarx.

Is-segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega li dawn jiġu implimentati mill-kuntratturi ta'Transport Malta għalhekk rrid jivverifika biex jara għala dan għadu ma' sarx.

61.5.14 B'referenza għal minuti 57.4.06, is-sur Charles Selvaġġi staqsa jekk kienx hemm xi ħjiel dwar il-proposti li għamel l-kunsill f'rigward ta' toroq b'parkeġġ kontrollat u x'jista' jiġri billi imbidel il-ministru.

Is-sindku Margaret /baldacchino Cefai wieġbet li sal-ġurnata ma ssemma xejn iżjed.

61.5.15 B'referenza għal- minuti 58.5.14 Is-sur Charles Selvaġġi staqsa dwar ir-rampa go Triq Princess Margaret.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma hemm xejn iżda se jkellem lill Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ta'Xbiex dwar il-garanzija għax ma jaħsibx li huwa nfurmat filwaqt li se jagħmel rapport u jitlob l-assistenza ta' CRPD.

61.5.16 Is-sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-knis u il-progress li sar bil-kuntrattur il-ġdid.

61.5.17 Is-sur Alfred Farrugia tkellem dwar il- problema ta' dawl go Misraħ 5 ta 'Ottubru u staqsa x'qed ssir.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Enemalta qed jaħdmu fuqha għax ġew għaċ-ċwievet tal-kamra tal-pompi u tal-ġostra iżda għad mhux magħruf eżatt x'hemm ħlief li hemm xi ħaġa li qed ittir malli jixgħel l-kurrent.

61.5.18 Is-sur Jean Claude Borg staqsa dwar fondi għal kultura mir-Regjun Lvant.

Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li sal-ġurnata ma' semgħet xejn.

Is-sur Alfred Farrugia tkellem dwar kunsiderazzjoni li jsiru xi attivitajiet kulturali ġol-kappella u fejn l-Għajn tal-Ħasselin.

61.5.19 Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar l-appuntamenti għal ġbir tal-bulky fejn qed ikun hemm oġġetti li ma nġabrux jew mhux miktuba.

Is-segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li meta jasal rapport għandu qed jitlob id-dettalji ta'dawn fejn kien hemm jew żball jew nuqqas jew komunikazzjoni ħażina min jieħu ħsieb għalhekk se jara għalfejn din qed tigri. Tkellem ukoll dwar il-volum tas-servizz li matul is-sena 2023 l-ammont ta' biċċiet li nġabru kien kważi id-doppju tas-sena 2022.

61.5.20 Is-sur Nicholas Chircop staqsa dwar is-servizz tal-e-shuttle.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li l- iskeda tar-rotta issa hija stabbilita u puntwali fejn qed issiru ħames vjaġġi kuljum iżda għadu mhux kuntent b'numru ta 'passiġġieri li jista' jkun ħafna aħjar u preferibbilment għandu jkun dejjem mimli la sar investiment.

**61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

61.6.01 B'referenza għal minuti 59.5.15, Is-segretarju Eżekuttiv tkellem dwar is-sejħa għal Tender Klmsd / Tdr / 05 / 2023 for The Professional Services Of A Contracts Manager Including the Management / Supervision Of General Routine Non-Contractual Upkeep Works Within The L-Imsida Local Council u talab biex jitlaqha l-bord fl-iqsar żmien ħa ssir l-evalwazzjoni tal-offerti.

Il-kunsilliera membri tal-bord ftehmu biex jiltaqgħu it-Tnejn 22 ta 'Jannar f'l 4:30 ta' filgħaxija.

**61.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

61.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-61 ta' ħlasijiet bejn il-15 ta' Diċembru 2023 u 16 ta 'Jannar 2024.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-sur Alfred Farrugia.

**61.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

61.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 07:20 ta' filgħaxija, u se ssir seduta oħra (62) nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar fil-5:00 ta' filgħaxija sabiex jiġi diskuss ir-rapport finanzjarju mhux awditjat. Is-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 27 ta' Frar fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 27 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |